

Brussell, 18 ta' Novembru 2020  
(OR. en)

13129/20

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2020/0328(NLE)**

---

UD 353

## PROPOSTA

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Novembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 737 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1387/2013 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 737 final.

Mehmuż: COM(2020) 737 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 18.11.2020  
COM(2020) 737 final

2020/0328 (NLE)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1387/2013 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa  
Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Sabiex jiġu żgurati l-fornimenti suffiċjenti u mingħajr interruzzjoni ta' ċerti prodotti agrikoli u industrijali li huma prodotti b'mod insuffiċjenti jew li ma jiġux prodotti fl-Unjoni u sabiex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil fis-suq għal dawn il-prodotti, uħud mid-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni ġew sospiżi parzjalment jew totalment bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1387/2013 (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament").

Ir-Regolament jiġi aġġornat kull sitt xhur biex jakkomoda l-ħtiġijiet tal-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni, meġġuna mill-Grupp dwar il-Kwistjonijiet ta' Ekonomija Tariffarja, għamlet rieżami tat-talbiet kollha tal-Istati Membri għas-sospensjonijiet tariffarji awtonomi.

Wara dan ir-rieżami, il-Kummissjoni tqis li s-sospensjoni tad-dazji hija ġġustifikata għal xi prodotti ġodda li bħalissa mhumiex elenkati fl-Anness tar-Regolament. Fir-rigward ta' xi prodotti oħra, hemm bżonn ta' modifikazzjoni tal-kundizzjonijiet tad-deskrizzjoni tal-prodott, tal-klassifikazzjoni, tar-rati tad-dazju, tar-rekwiżit tal-użu aħħari jew tad-data prevista għar-rieżami obligatorju. Meta s-sospensjoni tariffarja ta' ċerti prodotti ma tibqax fl-interess ekonomiku tal-Unjoni, dawn iridu jiġu rtirati.

#### • Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika

Din il-proposta ma taffettwax lill-pajjiżi li għandhom ftehim ta' kummerċ preferenzjali mal-Unjoni, u lanqas lill-pajjiżi kandidati jew lill-kandidati potenzjali għal ftehimiet preferenzjali mal-Unjoni (eż. is-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi; ir-reġim kummerċjali tal-grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku; il-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles).

#### • Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni

Il-proposta tikkonforma mal-politiki tal-Unjoni fil-qasam tal-agrikoltura, tal-kummerċ, tal-intrapriżi, tal-ambjent, tal-iżvilupp u tar-relazzjonijiet esterni.

### 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

#### • Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika ta' din il-proposta hija l-Artikolu 31 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

#### • Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklussiva)

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

#### • Proporzjonalità

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Il-miżuri previsti jikkonformaw mal-prinċipji għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-operaturi involuti fil-kummerċ barrani, kif iddikjarat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-sospensjonijiet u l-kwoti tariffarji awtonomi<sup>1</sup>. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi mixtieqa skont l-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

<sup>1</sup> ĠU C 363, 13.12.2011, p. 6.

- **Għażla tal-istrument**

Skont l-Artikolu 31 tat-TFUE, “Id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni għandhom jiġu stabbiliti mill-Kunsill li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni”. Għalhekk, l-istrument xieraq huwa regolament tal-Kunsill.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

L-iskema ta' sospensjonijiet awtonomi kienet soġġetta għal studju ta' evalwazzjoni li twettaq fl-2013. L-evalwazzjoni kkonkludiet li r-raġuni fundamentali għall-iskema għadha valida. L-iffrankar tal-ispejjeż għan-negozji tal-UE li jimportaw oġġetti skont l-iskema jista' jkun sinifikanti. Barra minn hekk, skont il-prodott, il-kumpanija u s-settur, dan l-iffrankar jista' jwassal għal benefiċċji usa', bħall-ixprunar tal-kompetittività, it-titjib fl-effiċjenza tal-metodi ta' produzzjoni u l-ħolqien jew iż-żamma tal-impjiegi fl-Unjoni. Id-dettalji tal-iffrankar ta' dan ir-Regolament jinsabu fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva mehmuża.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Grupp dwar il-Kwistjonijiet ta' Ekonomija Tariffarja, li jikkonsisti minn delegazzjonijiet mill-Istati Membri kollha u mit-Turkija, għen lill-Kummissjoni biex tivvaluta din il-proposta. Il-grupp iltaqa' tliet darbiet qabel ma ntlaħaq ftehim dwar il-bidliet f'din il-proposta.

Kull talba (għdida, emenda jew tneħħija) ġiet ivvalutata bir-reqqa. Kull każ ġie eżaminat speċifikament biex ikun aċċertat li ma kkawża ebda ħsara lill-produtturi tal-Unjoni u li l-kompetittività tal-produzzjoni tal-Unjoni kienet qed tissaħħaħ u tiġi kkonsolidata. Il-membri tal-Grupp dwar il-Kwistjonijiet ta' Ekonomija Tariffarja wettqu l-valutazzjoni permezz ta' diskussjonijiet, u l-Istati Membri kkonsultaw lill-industriji, lill-assoċjazzjonijiet, lill-kmamar tal-kummerċ ikkonċernati u lil partijiet ikkonċernati oħra involuti.

Is-sospensjonijiet kollha tat-tariffa elenkati kienu s-suġġett ta' ftehimiet jew ta' compromessi milħuqa fid-diskussjonijiet li saru fil-Grupp dwar il-Kwistjonijiet ta' Ekonomija Tariffarja. Ma ssemma l-ebda riskju potenzjalment serju b'konsegwenzi irriversibbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-emenda proposta hija ta' natura purament teknika u tikkonċerna biss il-kopertura tas-sospensjonijiet elenkati fl-Anness tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1387/2013. Għalhekk, ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt għal din il-proposta.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandha l-ebda konsegwenza fuq id-drittijiet fundamentali.

### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Din il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul. Id-dazji doganali mhux miġbura li jikkorrispondu għas-sospensjoni jammontaw għal madwar EUR 47,6 miljun fis-sena. L-effett negattiv fuq ir-riżorsi proprji tradizzjonali tal-baġit huwa ta' EUR 38,1 miljun fis-sena (jiġifieri 80% tat-total). Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva tistabbilixxi l-implikazzjonijiet baġitarji tal-proposta f'aktar dettall.

It-telf tad-dħul f'riżorsi proprji tradizzjonali għandu jiġi kkompensat bl-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) tal-Istati Membri abbażi tal-kontribuzzjonijiet għar-riżorsi.

## **5. ELEMENTI OĦRAJN**

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Il-miżuri proposti huma ġestiti fil-qafas tat-Tariffa Integrata tal-Unjoni Ewropea (TARIC) u huma applikati mill-amministrazzjonijiet doganali tal-Istati Membri.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1387/2013 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata provvista suffiċjenti u mingħajr interruzzjoni ta' ċerti prodotti agrikoli u industrijali li mhumiex magħmula fl-Unjoni u b'hekk jiġi evitat kwalunkwe tfixkil fis-suq għal dawk il-prodotti, id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni (TDK) tat-tip imsemmi fl-Artikolu 56(2)(c) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> fuq dawk il-prodotti ġew sospiżi permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1387/2013<sup>2</sup>. Dawk il-prodotti jistgħu jiġu importati fl-Unjoni b'rati ta' dazju mnaqqsa jew żero.
- (2) Il-produzzjoni tal-Unjoni ta' ċerti prodotti li mhumiex elenkati fl-Anness tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1387/2013 mhix adegwata jew ma teżistix. L-Unjoni għalhekk għandha interess li tissospendi għalkollox id-dazji awtonomi tat-TDK fuq dawk il-prodotti.
- (3) Bil-ħsieb li tiġi promossa l-produzzjoni integrata tal-batteriji fl-Unjoni f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Mejju 2018 intitolata "L-Ewropa Attiva – Il-Mobbiltà Sostenibbli għall-Ewropa: sikura, konnessa u nadifa"<sup>3</sup>, jenħtieġ li tingħata sospensjoni parzjali tad-dazju TDK għal ċerti prodotti li bħalissa mhumiex elenkati fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1387/2013. Barra minn hekk, jenħtieġ li tingħata sospensjoni parzjali biss tad-dazji TDK fir-rigward ta' ċerti prodotti li attwalment huma soġġetti għal sospensjonijiet sħaħ. Id-data għar-rieżami obligatorju ta' dawk is-sospensjonijiet jenħtieġ li tkun il-31 ta' Diċembru 2021 sabiex dak ir-rieżami ikun jista' jqis l-evoluzzjoni tas-settur tal-batteriji fl-Unjoni.
- (4) Huwa neċessarju li jiġu emendati d-deskrizzjoni tal-prodott, il-klassifikazzjoni u r-rekwiżit tal-użu aħħari ta' ċertu sospensjonijiet tad-dazju tat-TDK elenkati fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1387/2013 sabiex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi tal-prodott u tax-xejriet ekonomiċi fis-suq.

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1387/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1344/2011 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 201).

<sup>3</sup> COM(2018) 293 finali

- (5) Sar rieżami ta' ċerti sospensjonijiet tad-dazju TDK elenkati fl-Anness għar-Regolament (UE) Nru 1387/2013. Għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti dati ġodda għar-riieżami obligatorju li jmiss.
- (6) Ma għadux fl-interess tal-Unjoni li żżomm is-sospensjonijiet tad-dazji tat-TDK għal ċerti prodotti elenkati fl-Anness għar-Regolament (UE) Nru 1387/2013. Għalhekk jenħtieġ li s-sospensjonijiet għal daww il-prodotti jiġu rtirati. Barra minn hekk, skont il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 2011 rigward is-sospensjonijiet u l-kwoti tariffarji awtonomi<sup>4</sup>, għal raġunijiet prattiċi t-talbiet għal sospensjonijiet jew kwoti tariffarji fejn huwa stmat li l-ammont ta' dazji doganali mhux miġbura huwa inqas minn EUR 15 000 fis-sena ma jistgħux jiġu kkunsidrati. Jenħtieġ li s-sospensjonijiet għall-prodotti li ma jilhqax dak il-limitu, kif indikat mir-reviżjoni obligatorja, jiġu rtirati mill-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1387/2013.
- (7) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1387/2013 jiġi emendat skont dan.
- (8) Sabiex tiġi evitata kwalunkwe interruzzjoni fl-applikazzjoni tal-iskema tas-sospensjonijiet awtonomi u biex ikun hemm konformità mal-linji gwida stabbiliti fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 2011 rigward is-sospensjonijiet u l-kwoti tariffarji awtonomi, il-bidliet previsti f'dan ir-Regolament dwar is-sospensjonijiet tat-tariffi għall-prodotti kkonċernati jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Jannar 2021. Għaldaqstant jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1387/2013 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*

---

<sup>4</sup> ĠU C 363, 13.12.2011, p. 6.

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. ISEM IL-PROPOSTA:

Ir-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1387/2013 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agricoli u industrijali

### 2. LINJI BAĠITARJI:

Kapitolu u Artikolu: Kapitolu 12, Artikolu 120

Ammont ibbaġitjat għas-sena 2021: 17 605 000 700

### 3. IMPATT FINANZJARJU

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja

X Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul - l-effett huwa kif ġej:

(EUR miljun sa pożizzjoni deċimali waħda)

Linja baġitarja	Dħul	Perjodu ta' 12-il xahar li jibda minn jj/xx/ssss	[Sena 2021]
Artikolu 120	<i>Impatt fuq ir-riżorsi proprji</i>	01/01/2021	-38,1

Sitwazzjoni wara l-azzjoni	
[2021 – 2025]	
Artikolu 120	- EUR 38,1 miljun fis-sena

L-Anness fih 83 prodott ġdid. Id-dazji mhux miġbura li jikkorrispondu għal dawn is-sospensjonijiet, ikkalkulati abbażi tat-tbassir tal-Istat Membru li għamel it-talba għall-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2025, jammontaw għal EUR 37,6 miljun fis-sena.

Madankollu, abbażi tal-istatistika eżistenti għas-snin ta' qabel, jidher li dan l-ammont jeħtieġ li jiżdied b'fattur medju, li huwa stmat għal 1,8 sabiex jitqiesu l-importazzjonijiet fi Stati Membri oħra li jużaw l-istess sospensjonijiet. Dan ifisser dazji mhux miġbura ta' madwar EUR 67,7 miljun fis-sena.

Ir-rata ta' dazju zero għal erba' sospensjonijiet eżistenti żdiedet. Dan jirrappreżenta żieda ta' EUR 0,3 miljun kull sena fil-ġbir tad-dazji, kif stmat abbażi tal-istatistika tal-2019.

It-tneħħija ta' 116 prodott minn dan l-Anness tirrifletti l-introduzzjoni mill-ġdid tad-dazji doganali. Dan jirrappreżenta żieda ta' EUR 19,8 miljun kull sena fil-ġbir tad-dazji, kif stmat abbażi tal-istatistika tal-2019.

Abbażi ta' dan t'hawn fuq, l-impatt fuq it-telf ta' dħul għall-baġit tal-UE li jirriżulta minn dan ir-Regolament huwa stmat li se jkun ta'  $67,7 - 19,8 - 0,3 = \text{EUR } 47,6$

miljuni (ammont gross, inklużi l-kostijiet tal-ġbir) x 0,8 = EUR 38,1 miljun fis-sena għall-perjodu ta' bejn l-01.01.2021 - 31.12.2025.

#### **4. MIŻURI KONTRA L-FRODI**

Se jitwettqu kontrolli fuq l-użu aħħari ta' wħud mill-prodotti koperti minn dan ir-Regolament tal-Kunsill skont l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jwettqu kwalunkwe kontroll doganali li jqisu xieraq taħt il-ġestjoni tar-riskju li joperaw, kif stipulat fl-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.